Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 400 / 2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Patrick Pellegrini**

**Paul Grima**

**Tony Caruana**

Illum 15 ta' Jannar, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Patrick Pellegrini detenur tal-karta tal-identita' Maltija 109758 (M), Paul Grima detenur tal-karta tal-identita' Maltija 146664 (M), Tony Caruana detenur tal-karta tal-identita' Maltija 456565 (M), akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fi 26 ta' Dicembru, 1995 ghal habta ta' 7.30pm go St Venera attakkajtu jew ghamiltu resistenza bi vjolenza jew b' hebb fuq persuni inkarigati skond il-ligi min sevizz pubbliku (2) ghidtu kliem fahxi li jikkonsisti f' dagha fil-pubbliku (3) volontarjament ksirtu il-bon ordni u l-paci pubbliku b' ghajjat u glied (4) kontu fis-sakra u ma kontux kapaci tiehdu hsieb taghkom infuskom (5) u aktar int Patrick Pellegrini insulentajt lil

PS 1283 C. Costa, persuna inkarigata skond il-ligi min servizz pubbliku (6) iccalingjajt lil PS 1283 C. Costa ghal glied (7) u aktar heddidt lil imsemmi PS 1283."

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-10 t' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 95, 96 , 338 (bb), 338 (dd) u 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputati Paul Grima u Tony Caruana hatja ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza u ikkundannathom kumplessivament multa kull wiehed fl-ammont ta' hamest elef Ewro kull wiehed (€5,000) u ikkundannathom disa' xhur prigunerija kull wiehed li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal zmien sentejn mill-lum, u ma sabitx lill-istess imputati hatja tar-raba' akkuza u konsegwentament illiberathom minn tali akkuza;
U sabet lill-imputat Patrick Pellegrini hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tal-hames akkuza u ikkundannatu kumplessivament multa fl-ammont ta' hamest elef Ewro (€5,000) u ikkundannatu disa' xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal zmien sentejn mill-lum, filwaqt li ma sabitx lill-istess imputat hati tar-raba' , tas-sitt u s-seba' akkuza u konsegwentament illiberatu mill-istess.
Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputati l-import ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Patrick Pellegrini, Paul Grima, Tony Caruana, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-26 ta' Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

1. Tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ma sabetx lil Paul Grima u Tony Caruana hatja tar-raba' imputazzjoni;
2. Tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ma sabetx lil Patrick Pellegrini hati tar-raba' , tas-sitt u tas-seba' imputazzjoni;
3. Thassaraha in kwantu sabet lil Paul Grima u Tony Caruana hatja tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni;
4. Thassarha in kwantu sabet lill-appellant Patrick Pellegrini hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tal-hames imputazzjoni;

5. B' mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tikkonferma l-htija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena mposta, b' piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

A. **<u>Dwar l-Element ta' Preskrizzjoni tal-Azzjoni Kriminali</u>**

Illi fil-proceduri odjerni, l-esponenti qeghdin jigu akkuzati b' diversi akkuzi. Jekk wiehed jifli it-Tahrika tal-Pulizija u cioe l-imputazzjonijiet illi bihom qeghdin jigu akkuzati l-esponenti, wiehed facilment jasal ghall-konkluzjoni illi t-tieni u t-tielet imputazzjoni huma ta' natura kontravenzjonali. Tant hu hekk illi l-imsemmija kontravenzjonijiet huma ravvizati fl-artikoli 338 u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghandu jigi mfakkar illi permezz tas-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellanti kollha hatja tal-ewwel tlett imputazzjonijiet kif ukoll lill-appellant Pellegrini hati tal-hames imputazzjoni.

Fid-dawl tas-su espost, stante li kemm it-tieni kif ukoll it-tielet imputazzjoni huma kontravenzjonijiet, ghandu jigi rilevat illi l-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali jistipula illi:

> *"688. Bla hsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort' oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –*
>
> *(f) bl-egħluq ta' tliet xhur għall-kontravvenzjonijiet, u għall-ingurji bil-fomm suġġetti għall-pieni tal- kontravvenzjonijiet."*

Ghaldaqstant, stante li huwa palesi li kemm it-tieni kif ukoll it-tielet, imputazzjoni huma kontravenzjonijiet istantanji, fid-dawl tad-disposizzjoni supra riferita kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew nhar is-26 ta' Dicembru, 1995, tali azzjoni kriminali fil-konfront tal-esponenti a bazi tal-kontravenzjonijiet hawn fuq imsemmija giet preskritta

nhar is-26 ta' Marzu, 1996.

Illi *di piu'* l-artikolu 687 sub-inciz (2) tal-Kodici Kriminali jistipula illi:

> *"(2) Iż-żmien ta' preskrizzjoni ghar-rigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil- proċedimenti li jkunu inbdew bhala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża."*

*In oltre* f' dan ir-rigward ghandha ssir referenza ghall-artikolu 691 tal-Kodici Kriminali li jistipula:

> *"691. (1) Ghar-reati ikkunsmati, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni…"*

<u>**Ill a bazi tas- su espost kollu, l-esponenti bir-rispett qeghdin jissottomettu illi kull wiehed minnhom gie notifikat bit-tahrika tal-Pulizija *de quo* wara is-26 ta' Marzu, 1996.**</u>

Tali sottomissjoni taghmel sens meta wiehed jifli fol. 1 tal-atti processwali fejn fuq it-timbru tal-Qorti hemm indikat id-data "9.5.96", ossia nhar id-9 ta' Mejju, 1996.

Ghandu jigi mfakkar dak deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet <u>**' Il-Pulizija vs John Bonnici'**</u> deciza nhar it-2 ta' Frar, 2016 per Onor. Imhallef D. Scicluna, fejn il-Qorti rriteniet illi:

> **"11. Kif tajjeb jghid l-appellant, l-ewwel żewġ imputazzjonijiet huma reati ta' natura kontravvenzjonali li l-azzjoni kriminali fir-rigward taghhom taqa' bid- dekorriment ta' tliet xhur. Ir-reati addebitati kontra l-appellant ġew allegatament kommessi fit-28 ta' Ottubru 2009. Iċ-ċitazzjoni nharġet mill-Pulizija Eżekuttiva fil-31 ta' Mejju 2010, ftit aktar minn seba' xhur wara l-inċident in kwistjoni. Kwindi m' hemmx dubju li l-azzjoni fir-rigward ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet hi preskritta."**

Ghaldaqstant galadarba l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew nhar is-26 ta' Dicembru, 1995 u l-esponenti sa nhar is-26 ta' Marzu, 1996 baqghu ma gewx notifikati b' tali imputazzjonijiet, fid-dawl tad-disposizzjonijiet legali supra citati, l-esponenti bir-rispett jissottomettu illi huma ma setghu qatt jinstabu hatja tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom ghaliex il-preskrizzjoni taht is-supra citat artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali kienet diga waqqghet l-azzjoni kriminali fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet ta' natura kontravenzjonali.

**B. <u>Dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-esponenti</u>**

Dan l-aggravju qieghed jigi mressaq ' il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti.

**B.1 Generali**

Permezz tas-sentenza appellata, l-esponenti instabu hatja *inter alia* li attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b' hebb fuq persuni inkarigati skond il-Ligi, qalu kliem fahxi li jikkonsisti f' dagha fil-pubbliku, li kisru l-bon ordni kif ukol fir-rigward tal-appellant Pellegrini li insulenta lil PS 1283 C. Costa

Illi sabiex jigi stabbilit jekk tali imputazzjonijiet avverawx ruhhom nhar is-26 ta' Dicembru, 1995 jehtieg issir referenza ghax-xhieda okulari li raw l-incident odjern fid-data indikata u cioe gall-Pulizija li akkumpanjaw lis-Surgent Costa u li l-Prosekuzzjoni ghogobha tipproduci fil-mori ta' dawn il-proceduri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti.

**B.2 Dwar l-involviment ta' Paul Grima u Tony Caruana**

Dwar l-involviment ta' Grima u Caruana jehtieg issir referenza ghad-deposizzjoni ta' PS1283 Carmelo Costa ta' nhar il-25 ta' April, 1997.[1] Costa jixhed illi waqt li Pellegrini kien qieghed jargumenta ma' Manuel Mallia, nizlu Grima u Caruana "hadu lil Pellegrini min idejja u ma hallewniex nersaq lejh. Nghid li l-imputat Caruana zamm biex ahna ma nersqux lejn Pellegrini… waqt li l-imputat Grima beda jidghi u wkoll hadli xi karti minn idejja u rmieli l-file

[1] Vide fol. 16 et. Seq. tal-Atti Processwali

tieghi fl-art u huwa qattali mill-karti li kelli."

*In oltre* PC 1254 Louis Spiteri fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar il-25 ta' April, 1997 jikkonferma taht gurament illi huwa dak in-nhar tal-incident kien ix-xufier tal-karozza tal-Pulizija li akkumpanja ls-Surgent Costa fuq il-post tal-incident, ix-xhud jikkonferma illi ghalkemm ra argument bejn Costa u l-imputat Pellegrini madanakollu fl-ebda mument fid-deposizzjoni tieghu ma jissostanzja u/jew jikkonferma dak li kien xehed Costa aktar qabel u cioe li Grima kien qieghed jidghi u rema xi karta tas-Surgent Costa.

*Di piu'* PC 867 Carmel Camilleri fix-xhieda tieghu tal-istess gurnata jikkonferma illi ghalkemm fuq il-post ra lill-imputati li bdew jghidu lis-surgent illi ma kienx ghadu zmien fejn isawwathom, u ghalkemm ra lil Pellegrini jghajjat madankollu PC 867 jikkonferma illi "**lill-imputati l-ohra prezenti fl-awla rajthom li kienu hemm pero' ma rajthom jaghmlu xejn."**[2]

Fid-dawl ta' dawn l-inkonsistenzi kollha bejn l-unika tlett xhieda okulari prodotti, l-esponenti jistaqsu:

1. Liema verzjoni ghandha mis-sewwa, ta' Costa, Spiteri jew Camilleri?
2. Kif mit-tliet ufficjali pubblici li kienu fuq il-post, Costa biss jsemmi l-incident fejn allegatament l-appellant Grima beda jidghi u qattalu l-karti?
3. Kif min-naha l-ohra Spiteri u Camilleri fl-ebda punt fid-deposizzjoni taghhom ma jsemmu illi rawh dan l-incident jew ghad-dirittura li semghu lill-appellanti Grima u Caruana jidghu?
4. Kif Camilleri fix-xhieda tieghu stess jikkonferma li lill-appellanti Grima u Caruana ma rahom jaghmlu xejn?
5. Kif PC 867 Carmel Camilleri jikonferma ukoll illi huwa ma ra l-ebda daqqiet ta' ponn jew xi glied u lanqas ra xi forma ta' vjolenza?
6. Fid-dawl ta' dan il-kunflitt kollu, kif jista' qatt jinghad li l-Prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha fil-konfront tal-appellanti Grima u Caruana sal-grad rikjest mil-Ligi, ossia sal-grad tac-certezza morali?

[2] Vide fol. 23 tal-Atti Processwali

## B.3 Dwar l-involviment ta' Patrick Pellegrini

L-istess ezercizzju li sar hawn fuq fir-rigward tal-appellanti Grima u Caruana jehtieg li jsir ukoll fil-konfront tal-appellant Pellegrini.

**PS 1283** fix-xhieda tieghu jsostni illi l-"imputat Pellegrini beda jghajjarna lilna l-Pulizija, beda jghajjarna pufta u beda wkoll jghajjar lis-Supretendent Mifsud li ma kienx fuq il-post. Beda jghidli lili issa m' hemmx cans li ssawwatna imbaghad ahna ghajjatna ghall-ghajnuna."

Ghall-kuntrarju ta' dak mistqarr minn PS 1283 Carmelo Costa, PC 1254 Louis Spiteri illi kien fuq il-post tal-incident flimkien ma' PS 1283, waqt id-deposizzjoni tieghu, fl-ebda mument ma jikkonferma u jikkorrabora l-verzjoni moghtija minn Costa, ossia li Pellegrini beda joffendi u lill-Pulizija u jinsulentah, izda PC 1254 Louis Spiteri itenni biss illi huwa sema' lil Pellegrini jghid lis-surgent **"issa mhux zmien li ssawwat lin-nies".**

Dwar l-istess involvement u skambju ta' diskors bejn Pellegrini u s-Surgent Costa, PC 867 Carmel Camilleri ghalkemm jikkonferma illi ra lil Pellegrini jghajjat madankollu fl-ebda punt ma jikkonferma u jaqbel mas-Surgent Costa illi Pellegrini beda jingurja lis-Surgent jew ghad-dirittura beda joffendi lill-Pulizija. Tant hu hekk illi in kontro ezami l-istess Camilleri jikkonferma illi **"Jiena il-kliem li smajt kien li ntqal fil-konfront ghas-surgent Costa u cioe' m' ghadux iz-zmien li lilna ssawwatna"**

## B.4 Dwar Punti ta' Fatt u ta' Dritt li bihom jintlaqat l-Apprezzament tal-Provi

Minn analizi tad-deposizzjoni tat-tlett xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u cioe tat-tliet pulizija illi kienu fuq ix-xena tal-incident, jemergi bic-car illi dak li stqarr PS 1283 la huwa kkorraborat minn dak li ra u sema PC 867 u wisq anqas minn dak li xehed PC 1254.

Billi l-esponenti tressqu quddiem Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u billi l-akkuzi huma ta' natura penali, huwa principju ben stabbilit u applikat fil-

gurisprudenza taghna kif ukoll dik barranija li sabiex l-esponenti setghu jinstabu hatja tal-akkuzzi migjuba kontra taghhom, il-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-kaz taghha, ossia li *inter alia* l-esponenti attakkaw, ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, qalu kliem fahxi konsistenti f'dagha, li kisru l-bon-ordni kif ukoll li insulentaw lil PS 1283. Huwa principju palesi li l-prosekuzzjoni kellha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal kuntrarju ta' dak prodott fil-kaz *de quo,* kull prova li kellha ggib il-prosekuzzjoni kellha tkun inekwivoka u li ma thalli l-ebda dubju ragjonevoli f' mohh il-gudikant dwar l-akkuzi migjuba kontra l-esponenti.

Ghalkemm PS 1283 baqa' jsostni illi l-esponenti bdew joffendu lill-Pulizija u li sahansitra bdew joffendu lill-ufficjali tal-Pulizija li ma kienux fuq il-post tal-incident madanakollu mhux talli l-Pulizija l-ohra li kienu fuq l-istess post flimkien mas-Surgent, jonqsu milli jikkorraboraw dak mistqarr minn PS 1283, izda PC 867 Carmel Camilleri jikkonferma minghajr ebda ezitazzjoni illi[3]:

1. Huwa ma ra l-ebda daqqiet ta' ponn jew xi glied;
2. Lanqas ma kien hemm xi vjolenza;
3. Lanqas ma kien hemm sitwazzjoni li kienet bla kontroll;
4. Ma kien hemm l-ebda insulti fil-konfront tieghu mill-esponenti;
5. Ma kien hemm l-ebda ghajjat fil-konfront tieghu mill-esponenti;
6. L-ebda wiehed mill-esponenti ma heddu jew offendih;
7. **L-uniku kliem li sema kien dak li ntqal fil-konfront tas-surgent Costa u cioe m' ghadux iz-zmien li lilhom isawwathom.** (sottolinear tal-esponenti)

Fil-fatt l-uniku punt illi qablu fuqu x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni huwa l-fatt li l-esponenti bdew jghidu lis-Surgent Costa illi ma ghadux zmien tas-swat.

**Tali dikjarazzjoni la tista' qatt titqies bhala attakk, la bhala dagha, la bhala insult, la bhala sfida u wisq anqas bhala theddida!!!**

[3] Vide fol. 24 tal-Atti Processwali

B' hekk l-esponenti jistaqsu kif qatt leggittimament u ragjonevolment l-ewwel Onorabbli Qorti setghet tasal ghad-decizjoni illi effettivament waslet ghaliha? Kif setghet qatt tikkonkludi illi l-Prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha sal-livell tal-prova minnha mistenni skond l-obbligi legali taghha ossia dak tac-certezza morali?

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jikkontendu illi stante li mir-rizultanzi processwali jezistu dubji cari dettati mir-raguni, tali incertezzi kellhom iwasslu ghal-liberatorja u dan a bazi tal-massima legali *in dubio pro reo*.

Il-*lurking doubt* li ghalih tirreferi l-gurisprudenza sia Ingliza kif ukoll nostrana evidentement fil-kaz odjern jezisti, ghaliex il-provi tal-Prosekuzzjoni ma jilhqux il-livell ta' *beyond reasonable doubt* u konsegwentament fl-umli fehma tal-esponenti huma ma setghu qatt jinstabu hatja tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontra taghhom.

Konsegwentament a bazi ta' dan in-nuqqas ta' provi kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-assunzjonijiet m' ghandhom l-ebda piz probatorju fi proceduri kriminali, fl-umli fehma tal-esponenti, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex triq ohra ghajr li tillibera lill-appellanti minn kull htija u piena.

## C. <u>Dwar il-Piena</u>

Dan l-aggravju qieghed jitressaq ' il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti u fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija ta' xi wiehed mill-appellanti fuq xi wahda mill-akkuzzi migjuba kontra tieghu.

Permezz tas-sentenza appellata l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkundannat lill-appellanti kollha multa fl-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000) kull wiehed kif ukoll disa' xhur prigunerija kull wiehed li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal smien sentejn.

### C.1 Dwar l-emmendi li sehhew fil-Ligi

Stante li tali akkuzi jirrisalu ghas-26 ta' Dicembru, 1995 jehtieg li ssir referenza ghad-diversi emendi illi saru matul iz-zmien, specjalment dawk li jikkoncernaw l-artikolu 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-fatt jidher bic-car illi kemm l-artikolu 95 kif ukoll l-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sussegwentmant emendati permezz tal-Att numru V tal-2014.

Fid-dawl ta' din l-emenda, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha l-obbligu legali li tara liema hija l-ligi l-aktar favorevoli ghall-appellanti meta tigi biex tapplika l-piena.

Ghandu jigi mfakkar dak deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza fl-ismijiet **' Scoppola v. Italy'** deciza nhar is-17 ta' Settembru, 2019, fejn il-Qorti rriteniet illi:

*"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties.*

*109. In the light of the foregoing considerations, the Court takes the view that it is necessary to depart from the case-law established by the Commission in the case of X v. Germany and affirm that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law.* ***That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*** (sottolinear tal-esponenti)

Il-ligi vigenti fiz-zmien mertu ta' dawn il-proceduri fir-rigward tal-artikolu 95 u 96 tal-Kap 9 kienet tistipula illi:

*" 95 (1) Kull min, f' kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew ihedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew ghall-offiza, meta jsiru minghajr ic-cirkostanzi msemmijin f' dan l-artikolu, mizjuda bi grad*

*(2) Izda l-piena ma tizdiedx meta hija dik stabbilitha ghall-kontravvenzjonijiet.*

*(3) Il-piena lanqas ma tizdied meta hija dika ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur: izda f' dan il-kaz, il-Qorti tista' , ma' din il-piena, izzid il-multa."*

"*96.* Kull min jattakka jew jaghmel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorità kompetenti, jehel, meta jinsab hati –

(*a*) jekk l-attakk jew ir-rezistenza jsiru minn wiehed jew tnejn min-nies, il-piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena;

(*b*) jekk l-attakk jew ir-rezistenza jsiru minn tlieta min-nies jew aktar, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn"

Illi stante li fis-sentenza appellata ma saret l-ebda referenza ghal tali emendi, jirrizulta bic-car illi l-ligi illi applikat l-ewwel Onorabbli Qorti kienet dik prezenti u mhux dik illi kienet fis-sehh fiz-zmien mertu ta' dawn il-proceduri, ghalkemm din tal-ahhar kienet aktar favorevoli ghall-appellanti.

Fid-dawl tas-su espost l-esponenti jaghmlu referenza ghal sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ta' nhar is-16 ta' Gunju, 2014 fl-ismijiet **' Il-Pulizija vs Joseph**

**<u>Axisa'</u>** [4] fejn il_Qorti rriteniet illi:

> **"Il-Qorti, iżda, ser tilqa' dik il-parti dwar il-varjazzjoni fil-piena u fil-penali per diem. Din tal-ahhar intlaqtet bl-emedni maghmula bl-Att XIV tas-sena 2013 u la l-ligi hija wahda aktar favorevoli, allura ghandha tkun applikata l-ligi l-aktar favur l-appellant. (Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Scoppola versus Italy)."**

Ghaldaqstant l-esponenti jemmnu illi ghandu jkun hemm temperament fil-piena mpost fuqhom mill-ewwel Onorabbli Qorti.

**C.2 Dwar it-Trapass taz-Zmien**

Fid-dawl tat-trapass taz-zmien illi ghadda mill-fatti mertu tal-kaz odjern ghas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti jhossu illi l-piena hekk kif inflitta fuqhom mill-Ewwel Onorabbbli Qorti hija harxa wisq.

Ghandu jigi mfakkar illi l-incident mertu tal-kaz sehh fl-1995 u s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti nghatat nhar l-10 ta' Ottubru, 2018.

**<u>Minn dan kollu jemergi illi l-esponenti ilhom jistennew li ssir gustizzja maghhom ghal madwar tlieta u ghoxrin sena.</u>**

<u>I</u>lli f' dan l-istadju ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>' Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi'</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Jannar, 2001, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali rreteniet illi:

> **"It-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma."**

*Oltre* minn hekk, meta wiehed iqis it-trapass esagerat ta' zmien minn meta sehhew il-fatti li taw lok ghal dawn l-akkuzi u d-data tas-sentenza, ossia madwar tlieta u ghoxrin sena shah, ma jistax ikun li l-appellanti ma jhossux irwiehom aggravati bil-piena inflitta.

[4] Per Onor. Imhallef L. Quintano

It-trapass wahdu, anke fuq skorta ta' kazistika tal-Qrati taghna, kellu jgib mieghu riduzzjoni tal-piena. Illi fir-rigward tat-trapass taz-zmien, l-esponenti jaghmlu referenza ghal kawza fl-ismijiet **' Il-Pulizija vs. Mario Zammit'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Novembru, 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna. Illi f' din is-sentenza dina l-Onorabbli Qorti kienet ghamlet referenza ghal kawza fl-ismijiet ' **Il-Pulizija vs. Nikola Farrugia'** et deciza fit-2 ta' Ottubru, 2002 u applikat il-principju segwenti:

> **' Issa apparti li kif gje spjegat aktar il fuq f' din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process , il- fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-hati. Jista' pero' ' f' xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi" (29.1.2001)"**

Di piu' l-esponenti jaghmlu referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **' Beck vs Norway'** [5] fejn il-Qorti esprimiet ruhha rigwrd dan il-punt u sostniet is-segwenti:

> **27. The question remains whether the applicant may continue to claim to be a victim of a violation of Article 6 § 1 of the Convention on the grounds of the length of the criminal proceedings against him. In this regard the Court recalls that the mitigation of a sentence on the ground of the excessive length of proceedings does not in principle deprive the individual concerned of his status as a victim within the meaning of Article 34 of the Convention. However this general rule is subject to an exception when the national authorities have acknowledged in a sufficiently clear way the failure to observe the reasonable time requirement and have afforded redress by reducing the sentence in an express and measurable manner (see the Eckle v. Germany judgment of 15 July 1982, Series A no. 51, § 66).**

5 Nru. Tal- Applikazzjoni: 26390/95 u dciza nhar is-26 ta' Gunju, 2001

**28. <u>Applying these principles in the present case, the Court notes in the first place that the City Court expressly upheld the substance of the applicant' s complaint under Article 6 § 1 of the Convention that the proceedings had exceeded a reasonable time.</u>**

**<u>Secondly, the Court is satisfied that the applicant was afforded adequate redress for the alleged violation</u>.**

A bazi tas-su espost, fil-kaz odjern l-esponenti umilment jishqu illi ghandha tigi segwita din il-prassi mfahhra mill-Qorti ta' Strasbourg u l-piena erogata fil-konfront taghhom ghandha tigi mnaqqsa ghal wahda aktar miti.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-kaz fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Jidher li l-prosekuzzjoni harget l-akkuzi relattivi nhar it-3 ta' Frar, 1996 dwar akkuzi li allegatament kienu sehhew fis-26 ta' Dicembru 1995 u dan biex jidhru quddiem il-Qorti nhar id-29 ta' Frar 1996. Jidher pero' mill-atti li ma kienx hemm seduta dakinhar stante li ma hemmx l-ebda verbal li jindika li inzammet seduta. L-ewwel seduta li hija registrata fl-atti hija dik datata 9 ta' Mejju 1996. Dan qed jinghad minhabba li hemm aggravji li jittrattaw dwar l-preskrizzjoni li ghandha tapplika ghal kaz ta' kotnravenzjonijiet u cioe' il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 688(f) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jidher ghalhekk li bejn meta sehhet l-allegat incident u ghalhekk hargu l-akkuzi sakemm l-appellanti dehru l-Qorti ghall-ewwel darba kienu gja ghaddew tlett xhur u ghalhekk din il-Qorti trid tara kull-akkuza jekk hix kotnravenzjoni jew reati u jekk kull imputat instab hati taghha u jekk tirrizultax preskritta. Konsegwentemtn din il-Qorti ser tittratta ma kull imputa b'mod separat u distint.

L-appellant Pellegrini instab hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza u inghata sentenza ta' prigunerija ta' disgha xhur sposizi ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u hlas ta' multa ta' hamest elef euro (€5,000).

It-tieni, tielet u ir-raba' akkua huma kollha kontravenzjonali billi t-tieni akkuza hija dik disposta fl-artikolu 338(bb), it-tielet akkuza hija dik disposta fl-artikolu 338 (dd) waqt li r-raba' akkuza hija dik naxxenti mill-artikolu 338 (ff) ilkoll tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li johorgu mit-taqsima III taht l-intestatura "Fuq il-kontavenzjonijiet u l-pieni." Jinghad ghalhekk li dawn it-tlett akkuzi kienu preskritti bit-trapass tat-tlett xhur kif previst fl-artikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-ewwel Qorti ma messiex sabet lill-akkuzat Pellegrini hati taghhom. Dwar l-ewwel akkuza u cioe' r-reat kif kontemplat fl-artikolu 95 din il-Qorti ser tipprovdi ulterjorment.

Rigward Tony Caruana u Paul Grima jinghad li dawn instabu hatja ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza u ghakhekk dak li nghad supra fir-rigward tat-tieni u it-tielet akkuza japplika *mutatis mutandi* ghal dawn l-appellanti wkoll u ghalhekk anke fir-rigward taghhom dawn l-istess zewg akkuzi huma preskritti. Hawnhekk ukoll jibqa' r-reat kif kontemplat fl-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe "*Inġurji jew theddid kontra uffiċjali pubbliċi oħra jew offiżi fuq il-persuna tagħhom*". Din l-akkzua pero' tammonta ghar-reat u ghalhekk il-perjodu preskrittiv tieghu huwa dak ta' sentejn kif prevvist fl-artikolu 688 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar l-akkzua numru wiehed u cioe dik ta' ingurji jew theddid konfornt ta' ufficcjali pubblici l-Qorti tiddikjara li ma hix preskritta u sabiex tikkonkludi jekk ghandhiex tilqa' t-talba tal-appellant sabiex tirrevoka l-htija misjuba mill-ewwel Qorti fir-rigward tat-tlett appellant f'dan ir-rigward trid l-ewwel tanalizza ix-xhieda u provi imressqa mill-prosekuzzjoni.

Hu principju ormai stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni

valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni.

Ghalhekk din il-Qorti trid taghmel apprezzament tal-provi prodotti fir-rigward ta' din l-ewwel akkuza.

**PS 1285 Carmelo Costa** xehed nhar il-25 ta' April 1997 u kkonferma li nhar is-26 ta' Dicembru 1995 ghall-habta ta' 7.10 p.m kien l-ghassa tal-pulizja tal-Hamrun u gie imsejjah fuq kollizzjoni gewwa triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera. Huwa ghalhekk mar fuq il-post flimkien ma PC 867, PC 903 u PC 1254. Hadu l-qisien tal-vetturi u nehhew il-vetturi min fuq il-post. F'xi hin jghid li Pellegrini u beda' jargumenta mas-sewwwieq l-iehor u beda jghidlu biex ma jitkessahx. Huwa beda jordnalu biex jersaq 'l hemm pero' irrifjuta u baqa' jargumenta. Dak il-hin qabad lill-appellant Pellegrini minn idejh u nizlu l-isfel lejn Triq San Guzepp fejn kien hemm ipparkjata l-vettura taghhom. Tfaccaw l-appellanti l ohra u hadu lil Pellegrini minn idejh u ma hallewhx jersaq lejhom. Jghid li Caruana zammu biex ma jersaqx lejn Pellegrini. Waqt li beda miexi lejn Triq San Guzepp, Pellegrini beda jghajjarhom 'pufta' u beda jghajjar ukoll lis-supretendent Mifsud li dak il-hin ma kienx fuq il-post. Ghalhekk qabdu u nizlu lit-tlett appellanti l-ghassa.

**PC 1254 Louis Spiteri** kkonferma li kien mar mal-pulizija PS 1285 u xi ufficcjali ohra sabiex jinvestigaw kollizjoni fi Triq San Guzepp. Qal li s-surgent flimkien mal-pulizija l-ohra marru jghamlu l-investigazzjoni dwar l-kollizzjoni. Qal li hu hareg biex jghati l-ilma lill-karozza u sema lill-appellant Pellegrini jghid lis-surgent Costa li ma kienx ghadu zmien li jsawtu lin-nies. Sema lis-surgent Costa jghidlu ukoll biex imur meighu u telqu minn fuq il-post bil-karozza tal-mobile.

**PC 867 Carmel Camilleri** kkonfema li kien mar jinvestiga kollizzjoni li kienet sehhet u nehha xi hgieg li kien hemm f'nofs it-triq. Fil-pront qabad jigri biex jara x'kien gralu lis-surgent. Hemmhekk innota li kien hemm xi tlett jew erbat min-nies jghidu lis-surgent li ma kienx ghadu zmien ta' swat. Is-surgent qallu biex icempel li tal-Mobile u hekk ghamlu. Meta waslu tal-mobile nizlu lit-tlett appellanti l-ghassa. Qal li kien ra

lill-appellant Pellegrini ghax beda' jghajjat pero' lill-ko-akkuzati ma rahomx jghamlu xejn. Fl-ebda hin pero' ma ra glied jew xi daqqiet t ponn.

Rat illi nhar it-18 ta' April, 2018 l-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex xhieda ohra xi tressaq.

Illi ghalhek fid-dawl tas-suespost fir-rigward tal-appelanti Caruana u Grima din il-Qorti hija tal-fehma li ma jirrizulta l-ebda reat u dan ghaliex kif del resto stqarr PC 867 Carmel Camilleri "*ra lill-appellant Pellegrini ghax beda jghajjat pero' lill-ko akkuzati ma rahom jghamlu xejn*". Ghalhekk anke din l-akkuza fir-rigward ta' Caruana u Grima ma tirrizultax provata.

Jibqa' ghalhekk li din i-Qorti titratta l-akkuza 95 fil-konfront tal-appellant Pellegrimi.

L-Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja u t-theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Dan ir-reat huwa dak ta' oltraggio kif ikkontemplat fl-Artikolu 194 tal-Kodici Kriminali Taljan li huwa forma ta' ingurja ta' gravita` specjali minhabba dak ir-rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Il-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti sservizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita.

L-awturi **Cheveau et Helie**, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu hekk *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra, irid jigi ppruvat in-ness bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid hekk:

*"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**[6], inghad illi l-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

> *"Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali … fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar**[7], biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala igurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii.*
>
> *Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pprofferiti fil-presenza ta' l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. Inoltre hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li iehed*

[6] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997.
[7] deciza fit-12 ta' Dicembru, 1936 (Kollez. Deciz. Vol. XXIX.IV.593)

*joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l'element morali (formali), cjoe` dana l-animus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe` bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero`, il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat.*

*Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha; il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dan il-kliem ikun intqal minnu animus reclamandi."*

Illi fil-kaz in desamina jirrizulta bic-car li l-appellant Pellegrimi kien ghajjar lill-**PS 1283** u lil korp tal-pulizija bil-kelma 'pufta' u dan meta l-istess ufficcjal tal-pulizja kien qed jipprova jaqdi dmiru u jghamel l-investigazzjoni li kienet mehtiega in vista tal-kollizzjoni li kienet ghada kemm sehhet .

Illi dak li qal PC 1283 ma giex kontetat mill-appellant fl-ebda hin. Zgur dak li jkun ma jiehxu pjacir jigi mghajjar 'pufta' jekk adirittura mhuwiex 'pufta'. Lanqas m'hu korrett li tali lingwagg jigi indirizzat lil xi ufficjcjali wat li jaqdi id-dmijiet tieghu. Kosnegwentemtn din l-akkzua tirrizutla provata.

Jinghad pero' li dan ir-reat rat emenda matul is-snin kif registrati fil-genb ta' l-artikolu 95 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe bl-Att V tas-sena 2014 fejn giet indirizzata il-

kwisjtoni tal-piena li ghandha tigi inflitta minhabba l-awment li kien hem f'dawn it-tipi ta' reati kontra ufficcjali pubblici.

Qabel il-piena li setghet tinghata d'kaz ta' htija ghal dan ir-reat huwa dak spjegat aktar il-fuq ill-istess appellant u cioe :-

> *" 95 (1) Kull min, f' kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew ihedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz,* ***jehel, meta jinsab hati****, il-piena stabbilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew ghall-offiza, meta jsiru minghajr ic-cirkostanzi msemmijin f' dan l-artikolu, mizjuda bi grad.*
>
> *(2) Izda l-piena ma tizdiedx meta hija dik stabbilitha ghall-kontravvenzjonijiet.*
>
> *(3) Il-piena lanqas ma tizdied meta hija dika ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur: izda f' dan il-kaz, il-Qorti tista' , ma' din il-piena, izzid il-multa."*

Illi ghalhekk il-piena li kient applikabbli qabel ma saret l-ammenda tas-sena 2014 kienet dik ta' multa . Skond l-artikolu 11 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:-

> *" Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-maximum tal-multa huwa elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittinċenteżmu (1,164.69) u l-minimum tlieta u għoxrin euro u disgħa ugħoxrin ċenteżmu (23.29)"*

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-qorti thoss li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u spoporzjonata ghall-ahhar.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda fir-rigward tal-appellant Paul Grima u Tony Caruana tikkonfema dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ma sabithomx hatja tar-raba' akkuza u qieghda tilqa' it-talba taghhom ghar-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza fejn sabithom hatja tat-tieni u it-tielet akkuza u minflokk tiddikjara dawn l-akkuzi preskritti ai terminu tal-atikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta, ghar-ragunijiet premessi din il-Qort qed tirrevoka wkoll dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellanti

Paul Grima u Tony Caruana nstabu hatja tal-ewwel akkuza u konsgwentement tilliberhom minn kull htija u piena.

Fir rigward tal-appellant Patrick Pellegrini qieghda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn ma sabitux hati tar-raba', is-sitt u s-sebgha akkuza pero' tilqa' l-appell tieghu fir-rigward tal-akkuzi tat-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjoni stante illi huma preskirtti ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward ta' dawk it-tlett akkuzi.

Qeda tilqa' wkoll l-appell tal-appellant Pellegrini fir-rigward ta' l-ewwel akkuza u trriforma s-sentenza fis-sens li qed tikkonferma id-dikjarazzjni ta' htija fir-rigward tal-mertu pero' tirrevvokaha fir-rigward tal-piena inflitta u dan billi wara li tiddikjara li qed issib lill-appelant hati tar-reat kif ravvisat fl-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-appellant Pellegrini ihallas multa ta' mittejn euro (€200) .

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur